# MALTA U L-MEDICINA

*(Taħdita magħmula minn Dr. E. Agius, B.Sc., M.D., D.Bact. (Lond). lill-"Għaqda tal-Malti — Università fil-25 ta' Jannar 1949).*

Ma' tul il-ħajja tiegħu ġo l-università l-istudent jisma' *lectures* bil-gzuz — sbieħ, koroħ, twal, qsar, *lectures* li jġagħluh jinfexx fiċ-ċapċip, oħrajn li jġagħluh irid jibki bid-dwejjaq li jagħmlulu, fi ftit kliem *lectures* ta' kull kwalità. Għalhekk jien dejjem naraha daqsxejn stramba li kull tant l-istudenti jfittxu li barra mill-*lectures* ordinarji ta' l-Università, jisimgħu oħrajn barranin. Dan huwa użu mhux biss Malta iżda barra wkoll, u is-sabiħa hi li xi studenti li jaraw kif jagħmlu biex jiżolqu mill-*lectures* li jmisshom jisimgħu, issibhom imorru għal dawk li għalihom m'hemmx obbligu. F'xi pajjiżi, bħal l-Amerka hemm nies li huma tant imġienen li saħansitra jaslu biex iħallsu il-flus biex jisimgħu *lectures*. Kieku kien bil-maqlub — kieku wieħed iħallas biex jiffranka li jisma' xi wieħed, kont nifhimha. M'ilux jien stess smajt *lecture* li kont inħallas nofs lira biex niffrankah. U mbagħad mita l-*lecturer* beda jitkellem, u rajt kif kienet ġejja l-biċċa, kont lest biex inħallas imqar lira u nkun nista' nitlaq 'il barra. Darb'oħra niftiehem mal-bidellu biex jekk nagħmillu sinjal jiġi jgħidli li għamluli telefon li n-nanna qiegħda tmut.

Billi jiena nibża' li dan il-*lecture* tiegħi jista' bħal li kieku xejn jaqa' fil-kategorija li semmejt, irrid nuża tattika ġdida u ngħidilkom ċar u tond dak li naf fuq Malta u l-mediċina; irrid nurikom kif sviluppa ruħu il-ħsieb tiegħi fuq dan is-suġġett. Inqas din l-idea m'hi għal kollox tiegħi. Wieħed letterat Inglis, A. J. Symons, darba ried jikteb il-bijografija ta' ċertu Frederick Rolfe li kien isejjaħ lilu nnifsu Baron Corvo. Biex jiġbor il-materjal għal din il-bijografija dan kellu tant avventuri li flok kiteb biss il-ħajja ta' Corvo iddeskriva wkoll kif għamel biex kitibha, u ħareġ il-ktieb famus "The Quest for Corvo".

Mela nerġgħu fuq l-argument. Bħal *lectures* oħrajn dan beda mita resaq fuqi s-segretarju ta' din l-Għaqda u saqsieni jekk naċċettax li nkellimkom. Issa kunu afu li fil-ħajja għal kull ħuta hemm ix-xlief. Darba niftakar rajt stampa komika fejn ġurdien qabad raġel billi ħa nassa u fuqha flok qiegħed biċċa ġobon qiegħed karta ta' lira. Jiena rari li ngħid le għal

ċans li nagħmel *lecture*. Forsi xi biċċa sadiżmu moħbija ġo qiegħ is-*subconscious* tiegħi — nieħu gost nara lil min ibati, forsi vanità, forsi dak il-ħin (kien xi Ottubru) jien għedt: min jaf sal-25 ta' Jannar x'għad jiġri minni. Is-sewwa hu li ma ġara xejn u issa jien hawn quddiemkom.

Kif iż-żmien beda joqrob bdejt nifhem li jeħtieġ naħseb bisserjetà x'sejjer ingħid. Issa waħda mill-ħwejjeġ li laqtuni kienet li jiena kont s'er nitkellem bil-Malti. Niftiehmu tajjeb, jiena Malti kolli kemm jien imma qatt ma għamilt *lecture* pubbliku fl-Università bil-Malti. Ilsna oħrajn għandhom il-vantaġġi tagħhom, iżda l-Malti għandu ħaġa li m'għandu ebda lsien barrani. Il-Malti nifhmuh aħna l-Maltin biss, qisu lsien esoteriku ta' xi Soċjetà sigrieta. Allura jiena ħsibt hekk: Se' jkolli ċ-ċans nitkelle ma' l-istudenti ta' l-Università b'mod li ħadd ħliefhom ma jkun jista' jifhimni. Issa mal-barranin aħna nitkellmu mod, imma bejnietna, *entre nous*, kull tant huwa tajjeb li nitkellmu ċar. Mita nkunu qed niftaħru li l-Università tagħna hija l-iżjed waħda qadima ġo l-Imperu Inglis, m'għandniex ninsew li barra minn hekk tista' tkun ukoll l-iżjed Università mhix perfetta ġo l-Imperu Inglis. Jiena qed nieħu gost ngħidu dan, għax jiena biċċa mill-Università ta' Malta, fiha studjajt u fiha qed naħdem. Imma l-verità hi waħda, u, tidħak b'min tidħak, qatt m'għandek tidħak bik innifsek.

Issa fl-aħħar nibdew nersqu lejn is-soġġett. Il-metodu li ħsibt fih kien il-"historical approach". L-istorja dejjem sabiħa, iżda hawn ukoll jien kelli ħafna dubji. Malta aħna morda b'din l-affari ta' l-istorja. Moħħna biex niftaħru bl-imgħoddi mingħajr ma naħsbu kif inhuma l-affarijiet illum, jew kif se' jkunu filfutur. Għalhekk kien bi ħsiebi nieħu bħala test tiegħi l-qawl famus ta' Henry Ford "History is bunk", u kont se' nwiddibkom biex taqtgħu għal kollox mill-imgħoddi u toqogħdu għall-ħwejjeġ ta' issa. Imma imbagħad mill-ġenb l-ieħor smajt il-leħen ta' missieri fil-għerf (mhux għax jien xi għaref, imma naħseb fihmtu x'irrid ngħid) Gilbert Keith Chesterton, igħidli "man should be a prince looking from the pinnacle of a tower built by his fathers and not a contemptuous cad perpetually kicking down the ladders by which he climbed". Għalhekk l-istorja sejjer insemmiha. Iżda rrid infakkarkom f'ħaġa oħra. Fuq arkivju importanti ta' Washington hemm skrizzjoni li tgħid: "The past is the prelude". "The prelude" u la iżjed u la inqas. F'ħaġa waħda biss il-prologu

huwa iżjed importanti mill-komplut — fil-*"Pagliacci"* u nkunu aħna l-*Pagliacci* jekk nibqgħu dejjem nħewdnu fuq il-prologu u ma nimxux iżjed 'il quddiem.

Fost kollox huwa tassew li l-vera mediċina ma hijiex ħaġa qadima wisq. M'għandniex xi ngħidu jekk noqogħdu nġibu finnofs il-kranji tal-bniedem Neandertali bis-sinjali tat-trapanazjonjiet u ħwejjeġ oħra bħal dawn nistgħu ngħidu li l-mediċina f'Malta u f'postijiet oħra għandha eluf u eluf ta' snin. Iżda dawn kienu qatta ħmerijiet ta' empiriċiżmu, jiġifieri, ħwejjeġ magħmula ftit jew wisq addoċċ. Dik ma kenitx xjenza. Kipling qal:—

*"Anything green that grew out of the mould*
*Was an excellent herb for our fathers of old;*
*Whence enormous and manifold*
*Errors were made by our fathers of old.*

Kienet l-ironija ta' l-istorja, imbagħad, li l-Penicillin kellha tkun *"something that grew out of the mould"*.

Il-mediċina bħala xjenza, neħħi ftit anatomija u fisjoloġija ħafifa, m'għandhiex iżjed minn xi tlitt mitt sena u l-impetus kbir ġie mogħti mix-xogħol ta' Pasteur. Il-batterjoloġija hija l-omm tal-mediċina, tal-kirurġija u, fuq kollox ta' l-iġjene.

F'Malta qabel dan kollu kellna ċirkostanzi daqsxejn speċjali li ġagħlu lill-mediċina timxi ftit iżjed 'il quddiem milli mxiet fi gżejjer oħra żgħar tal-Mediterran. Il-ħakma ta' l-Ordni għamlet lil Malta ċ-ċentru ta' ħafna ħidmiet tal-gwerra u l-patroċinju tal-kavalieri mexxa 'l quddiem ix-xogħol tal-kirurġija tal-gwerra. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tagħkom għal ħaġa importanti. Mita tistudjaw l-istorja qatt m'għandkom titilfu s-sens tal-proporzjon. Dan hu nuqqas kbir tagħna l-Maltin. Naraw u nkunu nafu Malta biss u naħsbu li bħalna qatt ma kien hawn. Pass ieħor qasir u nibdew naħsbu li bħalna ma hawnx u mhux se' jkun hawn. Minn dan joħroġ li ndumu wisq biex insewwu n-nuqqasijiet tagħna. Għalfejn inbiddlu jekk twilidna perfetti, niżlin mis-sema? Meta l-mediċina f'Malta kienet wisq aħjar milli kienet f'Iviza, f'Minorca, f'Elba, f'Rodi, f'Ċipru, ma naħsibx li kienet tajba daqs kemm kienet fil-bliet kbar ta' l-Ewropa. Tinsewx li kif aħna kellna l-kavalieri, postijiet oħra kellhom il-prinċpijiet tagħhom ukoll. F'ħafna affarijiet naturalment kienu aqwa minna.

Kien Nikola Cotoner li waqqaf skola tal-mediċina, kirurġija u anatomija bħala biċċa mill-isptar ta' l-Ordni fl-1674, li fada

f'idejn it-tabib Malti Giuseppe Zammit. Kien Filippo Cavallini, tabib Malti ta' dak iż-żmien li daħħal hawn Malta l-istudju tal-Kimika, xjenza li fiha Zammit kien ħadem ħafna. Jingħad li s-solfat tas-soda li jissejjaħ *Glauber's salt* għal xi żmien kien magħruf bħala "melħ ta' Zammit". Tabib għaref ta' dik il-ħabta kien Gian Francesco Bonamico (1639-1680) li sar tabib f'Aix fi Franza, u studja Pariġi, Worms, Lejden, u Louvain. Fl-1666 Cotoner għamlu *"medico generale delle galere"*. Wara Zammit, ġie Giuseppe Farrugia. Demarco, tabib ieħor, kien magħruf mhux biss għall-professjoni tiegħu iżda wkoll bħala Latinist. Ħalla xogħlijiet fuq l-iġjene u fuq il-mediċina.

Wieħed mill-aqwa tobba Maltin kien Gabriele Henin li ġie mibgħut mill-Gran Mastru biex jistudja fl-isptar ta' Santa Maria Nuova ta' Firenze. Ġie lura fl-1723 u malajr beda jagħmel lezzjonijiet ta' l-anatomija u dissezzjonijiet fil-pubbliku. Wieħed mill-istudenti tiegħu kien Michelanġelo Maggi li sar anatomu ċelebri u fl-1740 ġie magħżul bħala *"Pubblico Incisore"* tar-*"Regio Ospedale"* ta' Santa Maria Nuova ta' Firenze. Fl-1748 sar professur ta' l-anatomija u fiżjoloġija f'Messina. Is-suċċessur ta' Henin għal ftit żmien kien Enrico Maggi.

Mikiel Anġ Grima laħaq fl-1763 fi żmien Pintu, il-Gran Mastru li fl-1769 fetaħ l-ewwel Università li kellna Malta. Grima kien bniedem ta' l-aqwa ħila bħala xjenzjat, l-iktar f'dik li kienet kirurġija trawmatika, jiġifieri, dik li għandha x'taqsam mal-kura tal-feriti bħal m'huma dawk tal-gwerra. Dak iż-żmien, qabel il-kirurġija asettika ta' Lister, il-kirurġija trawmatika kienet biċċa kbira mis-soġġett kollu. Grima, fost ħwejjeġ oħra, iddeskriva metodu ġdid ta' kif inħitu l-imsaren, metodu li fih intuża l-prinċipju tad-debridement. Fuq Mikiel Anġ Grima darba tkellem fit-tul il-professur Pietru Pawl Debono f'laqgħa tal-British Medical Association ta' Malta. (1)

Fi żmien Grima t-tobba ta' Malta kienu jmorru għal "post graduate studies" f'Pariġi u f'Montpellier. Fost dawn kien hemm l-aħwa Manwel u Mikiel Grillet. Manwel Grillet spiċċa biex laħaq professsur ta' l-ostetriċja f'Palermo.

Ftit wara li spiċċa Grima, l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann spiċċa wkoll. Fl-1793 l-Franċiżi ħadu Malta u Napuljun, b'digriet tat-18 ta' Ġunju, neħħa l-Università. Jiena jidhirli li la l-Maltin laqgħuh lil Napuljun, kellhom joqogħdu għal dak kollu li ġibdu fuqhom innfishom u għandi dubju tal-kuxjenza jekk nis-

tgħux ngħidu li l-Università tagħha tal-lum hija l-Università ta' Pintu. Naħseb li, skond il-ħaqq, kien hemm interruzzjoni u l-Università ta' issa hija t-tieni Università ta' Malta, mwaqqfa minn Ball fl-1880. B'dan kollu, din mhix ħaġa importanti. Kien x'kien l-imgħoddi il-futur huwa ta' interess wisq ikbar. *"The best is yet to be".*

Mill-1800 'l hawn Malta, l-Università u l-mediċina imxew dejjem 'il quddiem. Gawdejna il-magħrufa "pax Britannica". Il-popolazzjoni żdiedet, il-faqar ftit ftit dejjem jonqos, u x-xjenza dejjem imxiet 'il quddiem. Kellna tobba tajbin li isimhom baqa' mfakkar f'Malta. Kien hemm Ludovik Abela, Stefano Zerafa, Schinas, Tumas Chetcuti, Pisani, Gavin Gulia (u minn diskors ta' Gulia ħadt ħafna informazzjoni fuq il-mediċina fi żmien l-Ordni), u ħafna oħrajn. Barth, tabib Malti speċjalista ta' l-għajnejn ħadem fil-Qorti Imperjali ta' l-Awstrija. Kien hemm xi karattri ħelwin, bħal Nikol Zammit mis-Siġġiewi, tabib, filosfu, u dilettant ta' l-arkitettura. Kien hu li għamel il-pjanta għall-faċċata tal-knisja tar-raħal tiegħu. Kien ukoll kittieb eleganti. Naħseb li nistgħu ngħidu li fil-waqt li ma kien hemm ħadd li ib-brilla b'mod li jieħu fama barra minn pajjiżu (minbarra Barth), b'dan kollu Malta mxejna maż-żmenijiet. It-tobba bdew imorru għall-istudju fl-Italja, u l-Ingilterra, u wkoll bħal Pisani, f'Edin-burgh fl-Iskozja illi dak iż-żmien kellha isem diġa' kbir.

Dejjem kellna l-għaqdiet professjonali, illi huma xhieda ta' ħidma għax-xogħol. Għal ħabta ta' l-1840 kellna s-*Società Medica d'Incoraggimento* illi, barra mill-Mediċina, kienet tinteressa ruħha wkoll fil-botanika, fil-metejoroloġija, u tista' tgħid fix-xjenzi kollha. Fl-1889 infetħet f'Malta fergħa tal-*British Medical Association* illi kellha bħala l-ewwel segretarju tagħha l-Kurunell Manchè. Għandi l-pjaċir ngħid illi dan il-*Branch* baqa' jeżisti sallum, u mhux biss jeżisti iżda hu ħaj ħafna wkoll.

Mita wieħed jitħaddet fuq Malta u l-Mediċina huwa tajjeb li jingħad illi, billi l-mediċina hija xjenza tassew, mhux il-każ li nitkellmu fuq il-mediċina Maltija. Il-mediċina hija ħaġa inter-nazzjonali u jkun wisq żgħir il-moħħ ta' min jaħseb li fi ħwejjeġ serji jistgħu jsiru distinzjonijiet nazzjonali. "Veritas una est" u, wieħed jittama, "prevalebit". Darba waħda biss Malta saret ħaġa ta' interess internazzjonali u din kienet l-iskoperta tal-*Undulant fever.* Dan id-deni li jinstab ftit jew wisq imxerred mad-dinja kollha, jinstab, l-iktar fuq in-nies, l-iżjed hawn Malta,

u għalhekk għal xi żmien kien jissejjaħ Malta Fever. L-Ingliżi qatgħuh dan il-vizzju, iżda t-Taljani li fi Sqallija għandhom ġmielu minnu, għadhom igħidulu *"febbre di Malta"*.

Id-deskrizzjonijiet klassiċi tad-deni rqiq (l-*Undulant fever*) ġew mogħtija minn Marston fl-1863 u minn Hughes, missier Father Hughes ta' Saint Edward's College fl-1897. Kien David Bruce, tabib Skoċċiż fl-armata Ingliża, illi fl-1887 iżola u kabbar mill-milsa ta' wieħed li kien miet b'dad-deni, il-mikrobu li għall-ewwel kien issemma *Micrococcus melitensis* u li llum huwa magħruf bħala *Brucella melitensis*. Għal xi żmien din l-iskoperta baqgħet iżolata, ta' nteress akkademiku imma mingħajr siwi kbir pratiku, il-għaliex fil-mediċina l-importanti huwa mhux li tkun taf liema hu l-mikrobu imma li tkun taf kif il-mikrobu jidħol ġo fik. Id-deni rqiq baqa' jattakka lill-Maltin u lis-suldati tal-garrison. Tant kibret il-problema li l-Ammiraljat, il-*War Office* u l-Gvern ċivili ta' Malta, ġew fi ftehim mar-*Royal Society* ta' Londra biex ġiet appuntata Kummissjoni fl-1904 ħalli tistudja kif kien jittieħed dan id-deni. Il-membri ta' din il-Kummissjoni kienu l-Kurunell Bruce bħala Chairman, u Bassett-Smith, Shaw, Johnstone, Weir, McNaught, Eyre, Kennedy, Clayton u Temi Zammit. Kienu nies tax-xjenza mill-aħjar u fittxew b'ħilthom kollha. Ħasbu fit-trab ta' l-art, ħasbu fin-nemus. Darba biex jużawhom bħala annimali għall-esperimenti xtraw xi mogħoż, u, ta' xjenzati li kienu, bħala rutina qabel bdew jużawhom, eżaminawlhom id-demm biex jaraw jekk kumbinazzjoni kinux morda bl-*undulant* qabel xejn. Dik il-biċċa xogħol b'fortuna kbira misset lil Zammit. Sab illi d-demm ta' dawn il-mogħżiet (ta' ħamsa minn sitta minnhom) kien jirreaġixxi għall-*Brucella melitensis*. Minn hemm kien pass żgħir biex instab illi l-mogħoż kienu l-qofol tal-problema kollha. Zammit sab ukoll illi l-ħalib tal-mogħoż jagħti l-istess reazzjoni li jagħti demmhom. Kienet xorti kbira għal Malta li skoperta hekk kbira saret minn Malti. Fl-aħħar, Malta kienet ħadet sehem importanti fl-iżvilupp tal-mediċina. Fost kollox, kif qalli l-professur G. S. Wilson, dak iż-żmien kien għadhom wisq ftit il-każi fejn kien ippruvat illi marda kienet tista' tiġi mgħoddija minn annimal għal bniedem.

Il-gwerra tal-1914-1918 kellha influwenza kbira fuq l-istorja u ħafna fuq il-mediċina. Malta f'dik il-gwerra ma kinetx lok ta' taqbid imma bażi ta' sptarijiet. L-iżjed, wara t-taqbid aħrax fid-Dardanelli, Malta kien hawn ħafna suldati midruba u ħafna

morda bid-disinterija u bil-malarja. Jekk tridu taqraw xi ħaġa fuq dawk iż-żminijiet, kif kienu jidhru lil nêrs Ingliża, aqraw "The Testament of Youth" ta' Vera Brittain. Fl-isptarijiet li twaqqfu kien hawn tobba Ingliżi mill-aħjar, fosthom ħafna minn "St. Bartholomew's Hospital" ta' Londra. Kien hawn Garrod, Balance, Purves-Stewart u oħrajn. It-tobba Maltin ħadmu magħhom u tgħallmu minn għandhom.

Bejn iż-żewġ gwerer żdied f'Malta s-sistema li wara li jispiċċaw l-istudji f'Malta ħafna tobba jmorru jkomplu l-istudju barra, iżda flok baqgħu jmorru Napli u bliet oħra ta' l-Italja, bdew imorru Londra fl-aqwa sptarijiet tad-dinja. B'dan il-mediċina kompliet timxi 'il quddiem u x-xogħol dejjem beda jsir aħjar.

Fil-gwerra tal-1939-1945, Malta kellha waħda mill-iżjed posizjonijiet glorjużi ta' l'Imperu. "In the days of chivalry" igħid Walter Scott, "a dangerous post or a perilous adventure was a reward frequently assigned to military bravery as a compensation for its former trials." Dana għall-mediċina sewa wkoll iżda din id-darba l-iżvilupp kien ta' xorta oħra. F'din il-gwerra wkoll kellna ħafna tobba tajbin, bħal Tunbridge, Raven, V. J. Wilson u oħrajn, li interessaw ruħhom fil-mediċina ta' Malta u baqgħu ħbiebna. Fost kollox, billi r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ingilterra ssuktaw jitjiebu dejjem u l-amministraturi tal-pajjiż — Luke, Critien, Bernard, eċċ. kellhom moħħom miftuħ tassew żdiedu l-*scholarships* mogħtija lill-Maltin. Kellna l-*scholarships* tal-"British Council", tan-"Nuffield Foundation", u r-"Rhodes Scholarship" bdiet flok kull tliet snin tintgħata kull sena. Żjara lil Malta tal-professur Seddon ta' Oxford u oħra tal-professur Moncrieff komplew dejjem igħinu. Bħal issa f'Malta għandna tobba illi huma mill-aħjar. Il-professur tal-mediċina f'Malta ġie maħtur *"Fellow"* tar-*"Royal College of Physicians"* ta' Londra, bħal ma l-professur ta' l-Ostetriċja kien ġie magħżul Fellow tar-*Royal College of Obstetrics and Gynaecology*. In-*"nursing"* kompla jirranġa u issa barra l-*health visitors* għandna d-*District Nursing Association,* u ħafna nies ta' klassi tajba saru infermieri. Issa kif aħna bir-riħ fil-qala' l-gvern fisser ruħu illi irid jagħmel Servizz Mediku għall-Istat, bħal ma għadu kemm sar l-Ingilterra (2). Fil-merti ta' dan m'iniex ser nidħol, biss nista' ngħid li bis-sistema ta' issa sejra tiġi fdata f'idejn il-gvern biċċa xogħol miexja sewwa. Ikun ta' interess kbir tara x'sejjer isir.

Irrid nispiċċa fuq nota li jien inħoss hija waħda tassew ta'

ferħ. Naħseb illi fl-aħħar instab tarf tad-deni rqiq, il-pjaga li minnha ilna nbatu ħafna. Tobba fl-Amerika, fosthom B. M. Duggar, sabu sustanza ġdida, antibijotiku ġdid, jiġifieri xi ħaġa bħal penicillin, meħud mill-*Streptomyces aureofaciens,* illi huma sejħu *Aureomycin.* Din is-sustanza instabet illi hija ta' siwi kbir kontra l-*undulant fever.* Id-Dipartiment tas-Saħħa diġa ilu xi xahrejn jikkorrispondi mad-ditta Amerikana li għamlet dax-xogħol. Sa issa billi l-ħaġa għadha fl-istat tal-esperiment din id-ditta ma setgħetx tagħtina l-"*Aureomycin*" biex nużawh hawn imma għad jasal iż-żmien li nkunu nistgħu nużawha u d-deni rqiq f'Malta flok jibqa' periklu kbir għas-saħħa tal-poplu issir marda illi fi ftit ġranet wieħed ifieq minnha għal kollox (3). Hekk huma r-rebħiet tax-xjenza Malta li l-ewwel għarrfet lid-dinja bid-deni rqiq, minn għand l-Amerika (bis-saħħa, fost l-oħrajn, ta' dawk li sabu l-antibijotiċi) sejra tieħu l-fejqan ta' l-għaġeb.

Jekk hemm xi tagħlim (u naħseb li hemm) li wieħed għandu jiġbed minn dan kollu huwa li qatt ma għandna nżommu moħħna mwaħħal ma' l-affarijiet ta' madwarna. Inkunu ċittadini taddinja, lesti biex nilqgħu l-progress minn għand kulħadd, u ġieh kbir għalina jkun jekk xi darba aħna lill-oħrajn inkunu nistgħu nroddulhom xi ħaġa.

---

(1) Studju twil miktub minn Ġ. Cassar Pullicino, "Michel'Angelo Grima — Chirurgo Maltese Del settecento" deher fir-"Rivista di Storia delle Scienze Mediche e Naturali" ta' Firenze fl-1949.

(2) Kif jafu l-qarrejja dan il-proġett ġie mwarrab mill-Gvern imħabba 'l-qagħda ekonomika tal-Gżejjer. (*Editur*).

(3) Mindu ktibt dan, l-Aureomycin wasal u ġie ppruvat Malta. Għalkemm hemm ħafna tama, għadu kmieni wisq biex wieħed jista' jgħid jekk dawn it-tamiet iseħħux.